

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der nederlanden (l-Olanda) fl-4 ta' Diċembru 2008 — Staatssecretaris van Financiën vs Fiscale eenheid Facet BV/ Facet Trading BV**

(**Kawża C-539/08**)

(2009/C 44/57)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

**Qorti tar-rinvju**

Hoge Raad der nederlanden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Staatssecretaris van Financiën

Konvenut: Fiscale eenheid Facet BV/Facet Trading BV

**Domandi preliminari**

L-Artikolu 17(2) u (3) u l-Artikolu 28b(A)(2) tas-Sitt Direttiva (1) għandhom jiġu interpretati fis-sens li, jekk il-post fejn iseħħ akkwist intraKomunitarju huwa meqjus li huwa parti mit-territorju tal-Istat Membru li ħareġ in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT, li taħtu l-akkwirent għamel l-akkwist, fuq il-bażi tal-ewwel sub-paragrafu tal-Artikolu 28b(A)(2), l-imsemmi akkwirent li qed jakkwista l-oġġetti għandu d-dritt li jnaqqas immedjatament il-VAT hekk dovuta f'dak l-Istat Membru?

(1) Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill [77/388/KEE], tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1).

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ċeka**

(**Kawża C-544/08**)

(2009/C 44/58)

Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: N. Yerrell, L. Jelínek, aġġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ċeka

**Talbiet**

— tikkonstata li, billi m'adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u disponiżzjonijiet amministrattivi necessary sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Novembru 2005, dwar ir-riassigurazzjoni u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 92/49/KEE kif ukoll id-Direttivi 98/78/KE u 2002/83/KE (1), u li fi kwalunkwe każ, ma nnotifikatx l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Ċeka naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

— tikkundanna lir-Repubblika Ċeka għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożżjoni tad-direttiva fis-sistema legali nazjonali skada fl-10 ta' Diċembru 2007.

(1) ĠU L 323, p. 1.

**Appell ippreżentat fis-17 ta' Diċembru 2008 minn Le Carbone Lorraine mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) mogħti fit-8 ta' Ottubru 2008 fil-Kawża T-73/04, Carbone Lorraine vs Il-Kummissjoni**

(**Kawża C-554/08 P**)

(2009/C 44/59)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Appellanti: Le Carbone Lorraine (rappreżentanti: A. Winckler u H. Kanellopoulos, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet**

— tannulla parżjalment, skont l-Artikolu 225(1) tat-Trattat KE, l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-sentenza mogħti ja mill-Qorti tal-Prim'Istanza fit-8 ta' Ottubru 2008 fil-Kawża T-73/04, Carbone Lorraine vs Il-Kummissjoni;

— tilqa' t-talbiet ta' Le Carbone Lorraine fl-ewwel istanza u tnaqqas konsegwentement, skont l-Artikolu 229 KE, l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17/62 (1), li sar l-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003 (2), il-multa imposta fuq Carbone Lorraine mill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tat-3 ta' Diċembru 2003 fil-Każ C.38.359 — Prodotti abbażi tal-karbonju u tal-grafita għall-applikazzjonijiet elettriċi u mekkaniċi (3);

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.